MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 2616/1996/1

**Joseph Gatt**

**Vs**

**John Glenn sive Glenn Debattista;**
**Marthese Debattista;**
**u l-Avukat Dr. Raymond Pace u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici li b'digriet tat-18 ta' Dicembru 1997 gew nominati kuraturi biex jirrapprezentaw lill-minuri Alison Debattista; U b'digriet tal-21 ta' Jannar 1998 il-konvenuta Marthese Debattista giet nominata kuratrici *ad litem* tal-minuri Alison;**
**U b'digriet tal-Qorti tat-30 ta' Novembru 2000 giet kjamat fil-kawza d-Direttur tar-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-konvenuta Marthese Debattista, mart il-konvenut Glenn Debattista fit-30 ta' Awissu 1995 welldet lil minuri Alison skond kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid li jgib in-numru 3702 ta' l-1995 (Dok. A);

Premess illi fl-imsemmi certifikat hemm registrat l-konvenut Glenn Debattista bhala missier il-minuri u ghalhekk il-minuri ggib il-kunjom Debattista;

Premess illi fil-fatt il-konvenut m'huwiex genetikament missier il-minuri imma huwa l-attur u minn issa lest li jissottometti ruhu ghal kull ezami xjentifiku halli jgib stabbilit li huwa missier l-istess minuri;

Premess illi l-attur ghandu interess li jkun dikjarat missier il-minuri hawn imsemmija u dan skond l-Artikolu 77 tal-Kodici Civili;

Premess illi inoltre l-konvenuta Marthese Debattista kienet fl-impossibilita` fizika li tikkoabita ma' zewgha peress illi huwa jinsab karcerat minn 1993 u qieghed jiskonta piena ta' habs, u hija tghix biss ma' l-attur u dana ghaz-zmien kollu li jipprevedi l-Artikolu 77 tal-Kodici Civili;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri Allison Debattista li welldet il-konvenuta;

2. Tordna konsegwentement li kull fejn hemm registrat fic-certifikat tat-twelid ta' l-istess minuri Alison Debattista li jgib in-numru 3702 ta' l-1995 li l-konvenut huwa missier l-imsemmija minuri ghandu jigi kancellat u minflok jigi registrat isem l-attur bil-partikolaritajiet tieghu;

3. Tordna fit-termini ta' l-Artikolu 256 (1) tal-Kodici Civili n-notifika ta' l-istess sentenza lid-Direttur tar-Registru

Pubbliku ghall-finijiet ta' l-istess artikolu biex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Marthese Debattista ghan-nom tal-minuri Alison Debattista illi fiha hija eccepiet:-

1. Illi l-minuri Alison Debattista twieldet fit-30 ta' Awissu, 1995;

2. Illi kien veru li fiz-zmien bejn meta giet koncepita u meta twieldet it-tarbija, il-genituri taghha kienu fl-impossibilita` fizika li jikkoabitaw stante, li l-konvenut Glenn Debattista kien il-habs u l-konvenuta Marthese Debattista kienet qed tghix ma' l-attur;

3. Illi, ghalhekk it-talbiet attrici ma kienux qed jigu kontestati;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta *nomine* u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-digriet tas-13 ta' Novembru 1998 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi biex tigbor il-provi;

Rat id-decizjoni moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Novembru tas-sena 2000 fejn giet milqugha l-ewwel talba attrici u ddikjarat li l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri Alison Debattista li welldet il-konvenuta waqt li ordnat l-kjamat fil-kawza tar-Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza d-Direttur tar-Registru Pubbliku illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi fil-mertu f'dak l-istadju huwa ma kienx edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, ghas-success ta' l-azzjoni odjerna kienet tinhtieg il-prova ta' l-impossibilita` fizika ta' koabitazzjoni bejn il-konvenuti konjugi Glenn Debattista u Marthese Debattista fil-perjodu tal-probabbli koncepiment tal-minuri Alison li dwarha kienet qed issir il-kawza odjerna;

3. Illi bla pregudizzju, f'kaz li t-talbiet attrici kellhom jigu akkolti, l-attur kellu jispecifika d-dettalji personali tieghu li huwa kien qed jitlob li jigu nseriti fl-atti tat-twelid tal-minuri msemmija, oltre l-fatt li l-istess Joseph Gatt kellu jigi ndikat bhala "missier illegittimu", kif ukoll kellhom jigu kancellati l-kliem "the said" mill-kolonna li tirreferi ghal partikolaritajiet ta' l-omm;

4. Illi in vista tal-fatt li c-cirkostanzi li taw lok ghal talba ghal korrezzjoni fl-att tat-twelid kienu ghal kollox estranei ghall-esponent huwa ma kellux jigi soggett ghall-ispejjez;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess kjamat fil-kawza u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Fis-sentenza preliminari taghha tat-30 ta' Novembru 2000 dina l-Qorti, diversament presjeduta, kienet hemm iddeterminat l-Ewwel Talba attrici billi akkoljietha u b'hekk iddikjarat illi l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri

Allison Debattista imwielda mir-relazzjoni tieghu mal-konvenuta Marthese Debattista;

F'dik l-istess decizjoni pero` l-Qorti iddezistiet milli tikkonsidra z-zewg talbiet l-ohra ta' l-attur u dan peress illi kien mehtieg li jkun hemm fil-gudizzju d-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jithares id-dispost ta' l-Artikolu 253 u l-Artikolu 254 tal-Kodici Civili. Ghalhekk in virtu ta' l-istess decizjoni ordnat l-kjamata fil-kawza ta' l-imsemmi Direttur;

Fil-fehma ta' din il-Qorti, kif presjeduta, kien jinhass aktar floku li kieku d-Direttur issejjah fil-gudizzju qabel il-pronunzjament fuq it-talba principali, biex b'hekk dan kien ikollu l-opportunita` jiddefendi l-proceduri qabel ma jkun rinfaccjat b'*fait accomplis*. B'hekk ukoll ma kienetx tigi reza inutili t-tieni eccezzjoni tieghu billi issa l-Qorti ma tistax tikkonsidraha ghaliex inkella tkun qed tintrometti ruhha fi kwistjoni li gja giet aggudikata;

Fic-cirkostanzi l-kompitu tal-Qorti ser ikun limitat eskluzivament ghal konsiderazzjonijiet dedotti fit-Tieni u fit-Tielet Talbiet ta' l-attur. Konsiderazzjonijiet li ser jigu espressi fil-parti dispozittiva ta' din is-sentenza.

Ghal dawn il-motivi;

Attiz il-gudikat tat-30 ta' Novembru 2000 dwar l-Ewwel Talba attrici u li permezz tieghu gie dikjarat li l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri Alison Debattista, tilqa' t-Tieni Talba attrici u tordna l-korrezzjonijiet opportuni fl-Att tat-Twelid Numru 3702 ta' l-1995 ta' l-imsemmija minuri billi minnu tithassar kull referenza ghal konvenut Glenn Debattista u ghall-konnotati l-ohra tieghu u minfloku jigi sostitwit l-attur "Joseph Gatt", "Sengha" "impjegat", "Eta`" "22", "Twelid" Rabat", "Joqghod" "Rabat", "bin" "Emanuel" "haj";

Tilqa' t-Tielet Eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku billi kwantu ghall-partikolarijiet ta' l-omm l-konvenuta Marthese Debattista jigu kancellati l-kliem "*the said*";

Tichad it-Tielet Talba billi din giet reza futili bis-sejha fil-kawza tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

L-ispejjez tal-kawza jibqghu a kariku ta' l-attur.

---------------------------------TMIEM---------------------------------